# 335 sena mit-tqegħid tal-Kwadru Titulari ta' San Ġorġ Martri u mill-bini tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ 35 sena mill-Festi Tri-Ċentinarji tal-1978

Noel Micallef

Hekk kif kont qiegħed nitpaxxa bil-kwadri ta' Mattia Preti fl-esebizzjoni li saret fil-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta f'għeluq l-erba' mitt sena minn twelidu, ftakart fil-festi kbar li kienu saru ħamsa u tletin sena ilu biex ifakkru t-tliet mitt sena mit-tqegħid tal-kwadru titulari ta' San Ġorġ tal-Preti li jinsab fil-Bażilika kif ukoll mill-bini tal-knisja parrokkjali. F'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-festi li kienu saru fl-1978 kif ukoll lejn ix-xogħlijiet ta' restawr li kienu saru fuq iż-żewġ kwadri tal-Preti li l-parroċċa tagħna hija mogħnija bihom.

**Bijografija qasira ta' Mattia Preti**

Xtaqt, imma, qabelxejn, nibda b'bijografija qasira ta' Mattia Preti.

Preti twieled fl-24 ta' Frar 1613 f'Taverna, belt tal-Kalabrija, li tinsab fl-Italja. Qabel ma ġie Malta, Preti ħadem f'ħafna postijiet fl-Italja, fosthom Ruma fejn ingħaqad ma' ħuh Gregorio. Ħadem ukoll f'Napli, minn fejn Mattia kien bagħat il-kwadru ta' San Ġorġ Martri[1] li jinsab fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Bl-approvazzjoni tal-Gran Mastru Martin de Redin, Preti beda x-xogħol tiegħu fuq is-saqaf tal-istess knisja konventwali, li tista' ssejħilha l-vetrina tax-xogħol tiegħu. Dam jaħdem fuq dan il-proġett mill-1660 sa Diċembru tal-1666.[2]



Sakemm dam Malta, għal madwar erbgħin sena, Mattia Preti pitter għadd kbir ta' pitturi (madwar seba' mija) li jinsabu mxerrda fil-knejjes ta' Malta u Għawdex, fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti kif ukoll f'kollezzjonijiet privati.

Fost ix-xogħlijiet tal-Kavallier Kalabriż u eventwalment tal-Bottega tiegħu li nsibu f'Għawdex u fil-Bażilika ta' San Ġorġ hemm il-kwadru titulari ta' San Ġorġ Martri (1678), il-kwadru tal-Madonna u l-Erwieħ tal-Purgatorju (1686-1688), kif ukoll tlieta mill-erba' kwadri ovali tad-Dutturi tal-Knisja, li huma Santu Wistin, San Girgor il-Kbir u San Ġlormu, li kienu magħmulin mill-bottega tal-Preti. Fil-passat dawn kienu jiddendlu fil-lunetti ta' taħt il-koppla.[3] Dawn tal-aħħar jinsabu fil-mużew *Il-Ħaġar – Heart of Gozo* li jinsab biswit il-Bażilika ta' San Ġorġ Martri.[4] Ma' dawn il-kwadri hemm ukoll kwadru ieħor li jinsab fil-knisja tal-Patrijiet Agostinjani fir-Rabat ta' Għawdex.

Mattia Preti miet fit-3 ta' Jannar 1699 u ndifen fil-knisja konventwali ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Skont tradizzjoni, il-mewt ħasdet lil Preti meta hu kien qed jaħdem fuq il-kwadru titulari ta' San Ġorġ tal-parroċċa ta' Ħal Qormi.[5]

**Il-Kwadru Titulari u l-Altar tal-Kor**

Il-kwadru titulari ta' San Ġorġ Martri tpitter fl-istess żmien meta l-knisja ta' San Ġorġ inbniet mill-ġdid f'għamla ta' salib Latin. L-ewwel ġebla ta' din il-knisja tpoġġiet fis-7 ta' Awwissu 1672 taħt il-Kappillan Dun Angelo Bonnici (1672-1685).[6] Ix-xogħol intemm fis-sena 1678 u sar fuq il-pjanta tal-arkitett Vitor Cassar, iben Ġlormu Cassar. Din kienet l-ewwel knisja f'Għawdex li nbniet f'għamla ta' salib Latin bil-korsija, kappelluni, kor u koppla.

Tant kien iridha l-poplu Għawdxi din il-knisja li minn jeddu kien talab lill-Gran Mastru biex issir taxxa fuq il-qamħ ta' Għawdex u d-dħul minn din it-taxxa jmur għall-bini tal-knisja.[7] Biex tagħqad, bejn l-1675 u l-1676 f'Malta kien hemm il-Pesta s-Sewda; f'Għawdex kien hawn kwarantina stretta, u bl-interċessjoni tal-Protettur tiegħu San Ġorġ Martri, il-pesta ma waslitx Għawdex. B'effett tal-pesta u tal-kwarantina, il-kummerċ kien batut ħafna u miegħu batiet il-knisja ta' San Ġorg waqt il-bini tagħha. Imma bl-għajnuna tal-poplu Għawdxi kif ukoll tal-Gvernatur ta' Għawdex Francesco de Cordova (1676-1678) u l-Università ta' Għawdex, il-knisja tkompliet.

Kif tennejna, wieħed mill-benefatturi ta' din il-knisja kien il-Gvernatur ta' Għawdex Francesco de Cordova (1676-1678). Fil-fatt l-istess Gvernatur ħallas minn butu l-kwadru titulari ta' San Ġorġ Martri ta' Mattia Preti. Wieħed jista' jara l-arma ta' de Cordova fil-kantuniera ta' isfel tan-naħa tax-xellug tal-kwadru. L-episodju tal-pesta jidher ukoll fl-

arzella tal-Kappellun ta' San Lazzru, pittura tal-Prof. Gian Battista Conti.

Meta wieħed iqalleb daqsxejn il-Viżta Pastorali tal-Isqof Molina fl-1680, sentejn biss wara li tpitter il-kwadru titulari, isib miktub hekk: *"Con l'assistenza del cavalliere Fr. D. Franscesco Cordova, governatore, è stata portata a perfezione, quale, a sue spese, ha fatto il quadro principale di San Giorgio, di mano dei celebre pittore Fr. Mattia Preti, e abbellita di famose pitture dello stesso cavallier Mattia".*

Ta' min jgħid li l-gwarniċ tal-irħam *Giallo di Siena* sar fi żmien il-prokuratur tal-knisja Dun Franġisk Theuma fis-sena 1863 u huwa xogħol Salvatore Darmanin, u kien qam is-somma ta' 436 skut u sitt irbgħajja.[8]

**Ir-restawr tal-Kwadru Titulari**
L-ewwel xogħol ta' restawr li sar fuq il-kwadru titulari ta' San Ġorġ x'aktarx kien fl-1864 mill-pittur Clemente Busuttil.[9]

Aktar riċenti kien sar xogħol ta' restawr mis-Sur Carmelo Said bil-ħidma tal-Ministru tal-Edukazzjoni u tal-Kultura s-Sinjorina Agatha Barbara, iktar tard President ta' Malta. Kien ittieħed Malta nhar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru 1972 u ġie lura lest mir-restawr it-Tnejn 23 ta' April 1973. Kien tpoġġa f'postu fuq l-Altar tal-Kor is-Sibt 28 ta' April 1973 waranofsinhar.[10]

Huwa xieraq li nisiltu silta mill-kitba tar-restawratur is-Sur Carmelo Said:

"Qabel it-tmiem tal-impjieg tiegħi bħala restawratur tal-pittura fil-Mużew Nazzjonali, il-Kuratur tal-Arti fdali f'idejja r-restawr tal-kwadru titulari tal-Bażilika ta' San Ġorġ ta' Għawdex, kwadru ta' Mattia Preti, artist li nħobb ħafna u li għaddew ħafna kwadri tiegħu minn taħt idejja.

Wara li studjajt l-istat tal-kwadru, sibt li, barra li kellu bżonn is-sodizza tal-kulur f'ċerti partijiet u bżonnijiet oħra, kien jinħtieġ tindifa sewwa, delikata u responsabbli. Tindifa sewwa, għax il-kwadru kellu fuqu żewġ patini li kienu qegħdin itellfu ħafna mis-sbuħija u l-valur artistiku tiegħu. Tindifa delikata, għax l-ewwel ridt inneħħi patina ta' verniċi qodma u oljużi b'ċerta mista u b'mista oħra ridt inneħħi patina ta' ħmieġ antik li kien messha tneħħiet qabel ma taw il-verniċ. Responsabbli, għax għandek tħossok responsabbli ta' x'għandek f'idejk u ma tnaddafx bl-addoċċ u bil-ġiri, basta teħles.

Qiegħed ngħid dan, għaliex Mattia Preti, daqskemm jidher qawwi u sod fl-għajn, daqshekk ieħor f'ċerti kwadri huwa delikat għat-tindif, għaliex daqskemm jifilħu jirreżistu ċerti partijiet, ma jifilħux oħrajn u faċli ħafna li tiżbilanċja.

Wara din it-tindifa, il-kwadru rebaħ ħafna għaliex inkixfu zoni u dettalji li kienu mgħottija, biex ħarġu l-forza tad-



*Membri tal-kleru Gorgjan u tal-Kumitat Storiku-Kulturali jammiraw ix-xoghol ta' restawr fuq il-kwadru titulari ta' Mattia Preti, April 1973. Jidher ukoll ir-restawratur Carmelo Said. (Ritratt: Arkivju Bazilika San Gorg, il-Belt Victoria, Ghawdex)*

disinn, is-sbuħija u l-armonija tal-kuluri oriġinali u l-għaqda fil-kompożizzjoni.

Mattia Preti f'dan il-kwadru ried jiċċentra kompożizzjoni monumentali bil-figura ta' San Ġorġ dominanti. Kompożizzjoni ta' ħsieb u maestrija, għaliex la l-bjuda taż-żiemel, la l-puttin wara rasu, la t-titjira tal-mantell, lanqas il-kobor tad-dragun ma jfixklu l-figura ċentrali; għax il-mod kif huma trattati bil-kulur jgħin biex tiddomina l-figura ta' San Ġorġ...

Nagħlaq b'ħaġa importanti li ta' min jagħti kasha. Għalkemm Mattia Preti ħares u ħa ħafna minn artisti oħra kbar, irnexxielu b'abbiltà kbira joħloq fix-xogħlijiet tiegħu karattru u personalità tiegħu waħdu, speċjalment bit-teknika li kien jippossiedi. U dawn il-valuri artistiċi jinqraw tajjeb fil-kwadru titulari tal-Bażilika ta' San Ġorġ f'Għawdex".[11]

U kif qal tajjeb ir-restawratur, riżultat ta' dan ir-restawr kienu nkixfu dettalji li kienu mgħottija. Taħt l-arma tal-Gvernatur de Cordova nilmħu ras ta' mewt u xi għadam li huma tifkira tal-vittmi tad-dragun qabel il-laqgħa tiegħu mal-qaddis li rebħu. Ir-restawr ta' din il-biċċa xogħol kixef il-ġmiel tal-ilwien tal-Preti.[12]

**Il-Festi tal-1978**[13]
Il-parroċċa tagħna hija magħrufa sew għall-festi kbar li taf tħejji. Is-sena 1978 hija waħda li se tibqa' mniżżla fl-annali tal-istorja tal-parroċċa għall-festi speċjali li saru biex jitfakkar it-tielet ċentinarju mill-bini tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ f'għamla ta' salib Latin u t-tielet ċentinarju tal-kwadru titulari.

Dawn il-festi speċjali nfetħu lejlet Jum San Ġorġ nhar il-21 ta' April 1978, b'Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, l-ewwel Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana. L-għada fil-għodu l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Metropolita ta' Malta, mexxa

Konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien mal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan. Is-Sibt 22 ta' April, fil-għaxija, l-E.T. Mons. Mikiel Gonzi mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, u għal din l-okkażjoni l-Arċipriet ta' dak iż-żmien Mons. Emanuel Mercieca għamel diskors tal-okkażjoni.

Il-festi ma waqfux f'April. Komplew f'Lulju b'Konċelebrazzjoni Pontifikali mid-Dekan tal-Kolleġġjata l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi nhar il-Ħadd 9 ta' Lulju. Ta' min jgħid li dakinhar saret iċ-ċerimonja tal-ftuħ uffiċjali taċ-Ċentru Parrokkjali li ġie mibni b'sagrifiċċji kbar minn għadd ta' parruċċani.

Għal dik is-sena, il-jiem tat-Tridu saru t-Tnejn 10, it-Tlieta 11 u l-Erbgħa 12 ta' Lulju. Il-prietka tat-Tridu kienet saret minn Mons. Mikelanġ Apap, Kanonku tal-Kolleġġjata tax-Xagħra. Fl-ewwel jum tat-Tridu kien sar Servizz Ekumeniku ppresedut mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi li fih ħadu sehem il-Kanonku Strangeways tal-Katidral Anglikan ta' San Pawl tal-Belt Valletta, il-Kanonku Burgess tal-Knisja tat-Trinità Qaddisa u r-Reverendu Westmorland tal-Knisja Skoċċiża ta' St Andrew.



*Fil-Festi Tri-Centinarji ta' l-1978. Jidhru t-tliet Isqfijiet mistiedna kif ukoll id-delegazzjoni mil-Lateran.*
*(Ritratt: Arkivju Bazilika San Gorg, il-Belt Victoria, Ghawdex)*

Il-Ħamis fil-għaxija, il-poplu Rabti flimkien mal-Banda Ċittadina *La Stella* ta merħba lill-E.T. il-Kardinal Ermenegildo Florit. Il-Banda wasslet il-Kardinal minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ. Mal-Kardinal waslet ukoll id-delegazzjoni tal-Arċibażilika tal-Lateran, Mons. G.B. De Toth u Mons. Proia. Hekk kif daħlu fil-Bażilika Urbana, l-E.T. Mons. Isqof Cauchi għamel indirizz ta' merħba. F'dik il-lejla kienet saret Akkademja taħt il-patroċinju tal-Kardinal. Bosta kienu dawk li għamlu d-diskorsi tagħhom, fosthom Dr Ġorġ Zammit, l-istoriku John Bezzina, kif ukoll il-poeta Rabti Ġorġ Pisani bil-poeżija *Żagħżugħ ta' tliet mitt sena.*

Il-Ġimgħa 14 ta' Lulju, filgħodu, il-Kardinal Florit qaddes għall-komunitajiet tas-sorijiet kollha, filwaqt li filgħaxija saret fil-Bażilika l-Ordinazzjoni Presbiterali ta' tliet djakni mill-parroċċa tagħna, Giovanni Bosco Cremona, Joseph Farrugia u Felix Tabone.

Is-Sibt filgħodu Mons. Proia tal-Kapitlu tal-Lateran qaddes u intona t-*Te Deum* bħala għeluq tat-Tridu Solenni. Lejlet is-Solennità, l-Em.T. il-Kardinal Florit mexxa t-Translazzjoni Pontifikali, filwaqt li Mons. Nikol Ġ. Cauchi mexxa l-Għasar Pontifikali.

Il-Pontifikal ta' Jum il-Festa tmexxa mill-Kardinal Florit, assistit mill-E.T. l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca, l-E.T. Mons. Mikiel Gonzi, l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, id-delegazzjoni tal-Kapitlu tal-Arċibażilika ta' San Ġwann Lateran, delegazzjoni tal-Kapitlu Metropolita ta' Malta u oħra tal-Katidral ta' Għawdex. L-assemblea kienet taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta Dr Anton Buttigieg, akkumpanjat mill-Maġġur C.D. Gaffiero u mis-Segretarju ta' Għawdex is-Sur Ġużeppi Cefai. Il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ tmexxiet ukoll mill-Em.T. il-Kardinal Florit.

Kienu festi kbar li kienu kkommemoraw iċ-ċentinarju tat-tliet mitt sena mill-bini tal-knisja l-ġdida ta' San Ġorġ Martri kif ukoll mit-tqegħid tal-kwadru titulari tal-Kalabriż Mattia Preti.

**Il-kwadru tal-Madonna tal-Erwieħ**

Il-kwadru l-ieħor tal-Mattia u l-bottega tiegħu li huwa meqjum fil-Bażilika ta' San Ġorġ huwa dak tal-Madonna u l-Erwieħ tal-Purgatorju. Huwa kwadru meqjum ħafna, speċjalment fix-xahar tal-Erwieħ, dak ta' Novembru. Dan il-kwadru sar fis-sena 1688 u tħallas mill-Kavallier Giovanni Gourgion li kellu devozzjoni kbira lejn l-Erwieħ tal-Purgatorju.[14] Fil-fatt Mattia Preti pitter lill-benefattur kif ukoll lil martu fuq kull naħa tal-kwadru.[15]

Il-Viżta Pastorali li saret fl-1680 fi żmien l-Isqof Mikiel Molina ssemmi b'mod ċar dan il-kwadru: *"Si vede a destra il p.o. cappellone intagliato da Giuseppe d'Avola assai pulito, e il quadro dell'anime del SS.mo Purgatorio fu fatto nel 1688, a spese Gioè Gorgione de mano del Cav. Fr. Mattia Preti".*[16]

Wara li sar ir-restawr fl-1991, ir-restawraturi jgħarrfuna li taħt żewġ figuri mpittra fil-kwadru jidhru żewġ dati: *"Sotto le due figure sono visibili due date, a sinistra 1666 o 1686, essendo la terza cifra di diffcile lettura, mentre sulla destra è chiaramente legibile 1688".*[17] Ta' min isemmi wkoll li l-Kanonku Agius de Soldanis kiteb: *"Il secondo altare è consacrato all'Anime Sante del Purgatorio, il quadro che ben grande è della mano del menzionato Can. Mattia Preti a spese del fù Giovanni Gourgion, collocato nel 1688".* De Soldanis kien prokuratur attiv ħafna tal-Altar tal-Erwieħ u f'din il-kariga tiegħu kien jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ta' kuljum ta' dan l-altar, u deher ukoll fuq bosta kuntratti notarili li permezz tagħhom dan l-altar ġie mżejjen b'xogħlijiet tal-arti. L-istorja ta' dan l-altar tinsab miktuba fil-*Libro delle Consulte* u fil-*Libro Esito.*[18]

De Soldanis jgħarrafna li l-għażla tal-irħam għal dan l-altar saret fuq id-disinn imfassal mill-pittur Francesco V. Zahra u tlesta fl-1759 meta kellu madwar tmienja u erbgħin sena. Il-marmista li ħadem ix-xogħol ta' interzjar fl-irħam fil-Kappella tal-Erwieħ huwa Giovanni Antonio Durante mill-Isla. Dan l-altar kien ġie kkonsagrat mill-Isqof Mons. Vincenzo Labini fit-12 ta' Mejju 1784.[19] Id-disinn kumpless jagħmel użu minn diversi tipi ta' rħam, bħal *Verde Antico*, *Brocatello di Siena* u *Rosso di Francia*.[20]

**Ir-restawr tal-kwadru**

Wara li kien sar xi ġbid ta' ritratti għall-ktieb *Gozo: The Roots of an Island*, il-Kumitat Storiku-Kulturali ra li xi kwadri kellhom bżonn kbir ta' restawr. Għalhekk fl-aħħar tas-sena 1990 kienu ġew żewġ restawraturi minn Ruma u għamlu studju fuq disa' kwadri. Wara li tħejja rapport, dan ġie eżaminat u diskuss mill-Kapitlu u l-Presbiterju, u ġie deċiż li tingħata preferenza lill-kwadru tal-Erwieħ tal-Purgatorju.[21]

Biex jittaffew ftit mill-ispejjeż tar-restawr, kienet saret esibizzjoni ta' pittura dwar Għawdex, kollha oriġinali tal-pittur Taljan Giorgio Rocca. L-iskop prinċipali tal-esebizzjoni kien li l-qligħ mill-bejgħ tal-kwadri jmur għall-fond tar-restawr. Il-ftuħ uffiċjali tal-wirja sar nhar il-Ħadd 21 ta' April 1991 fis-7.00pm mill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Anton Tabone, u tbierket mill-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi. Il-wirja ttellgħet fis-Sala tal-Esebizzjonijiet fi Pjazza San Franġisk, damet miftuħa sal-Ġimgħa 26 ta' April, u ġiet sponsorjata mill-*Mid Med Bank*.[22] Ta' min jgħid ukoll li din il-wirja kienet l-idea ta' Dun Charles Cini SDB.[23]

Nhar il-Ħamis 13 ta' Ġunju 1991 il-kwadru kien ġie maqlugħ minn postu biex jiġi rrestawrat. Ir-restawr kien beda nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru 1991 miż-żewġ restawraturi Rumani Sandra Pesso u Francesca Maletto. Dan ix-xogħol sar bil-ħidma tal-mibki imma qatt minsi Arċipriet Mons. Salv Borg Prel. d'Onor.[24]

Il-Ħadd 13 ta' Ottubru 1991 saret iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni li ġiet miftuħa b'diskors minn Mons. Arċipriet Salv Borg, fejn fost l-oħrajn irringrazzja lil dawk kollha li għenu biex dan il-proġett ta' restawr seta' jsir. Fost il-kelliema għal din l-akkademja kien hemm ukoll Dun Charles Cini SDB, Dr Eugene Montanaro, kif ukoll l-Onor. Anton Tabone, Ministru għal Għawdex, li kixef il-kwadru li tpoġġa quddiem it-Tribuna fil-Bażilika. Il-kwadru ġie mbierek mill-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Iż-żewġ restawraturi Taljani taw ukoll spjegazzjoni fil-qosor tax-xogħol li kienu għamlu u spjegaw eżattament il-ħsara kbira li kien ġarrab il-kwadru matul is-snin. Huma enfasizzaw li l-iktar xogħol importanti fil-bidu kien biex il-kwadru jitpoġġa fuq tila ġdida u wara fuq tilar ġdid tal-injam li nħadem apposta Ruma. Huma taw ukoll dettalji tal-metodi użati biex il-kwadru reġa' ħa dik il-ħajja bħal meta kien għadu kemm tpitter minn Mattia Preti. Waqt ix-xogħol tagħhom huma studjaw ukoll kwadri oħra tal-Preti biex ikunu fidili kemm jistgħu waqt ir-restawr propju.[25] Wara r-restawr dan il-kwadru tpoġġa għall-wiri fuq il-presbiterju u reġa' tpoġġa fuq l-altar nhar it-Tlieta 15 ta' Ottubru 1991.[26]

**Riferenzi**


1 PAUL GEORGE PISANI, *Mattia Preti: A Glance at his life*, f'SAN ĠORĠ. *Volum enċiklopediku fuq San Ġorġ, martri*, f'JOSEPH FARRUGIA–MICHAEL FORMOSA (Ed.), Malta 2005, p. 9.
2 EUGENE F. MONTANARO, *Aktar tagħrif dwar il-kwadri ta' Matti Preti fil-Bażilika ta' San Ġorġ*, f'*Programm Festi San Ġorġ – Għawdex 1991*, Malta 1991, p. 69.
3 MARK SAGONA, *The Art Treasures – A Critical Overview*, f'CHARLES CINI (Ed.), *St George. Gozo's Golden Basilica*, Malta 2011, p. 42.
4 *http://www.heartofgozo.org.mt/mattia-pretis-connection-with-gozo/*.
5 MONTANARO, *Aktar tagħrif dwar il-kwadri ta' Matti Preti fil-Bażilika ta' San Ġorġ*, f'*Programm Festi San Ġorġ – Għawdex 1991*, p. 69.
6 NIKOL VELLA APAP, *1678-1978*, f'*Programm tal-Festi Solenni lill-Patrun t'Għawdex San Ġorġ Megalomatri*, Malta 1977, p. 8.
7 JOHN BEZZINA, *Il-"Popli" t'Għawdex riedha l-knisja tiegħu. Diskors waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fl-okkażjoni tal-Festi Tri-Ċentinarji tal-1978*, f'*Il-Bażilika Proto Proto-Parrokkjali San Ġorġ Martri. Ħidma–Storja–Tagħrif*, Nru 5, Malta 1979, p. 34.
8 JOSEPH VELLA, *Teżori ta' Arti bil-ġrajja tagħhom fil-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex*, f'*Programm Festi San Ġorġ – Għawdex 1994*, Malta 1994, p. 59.
9 *300 Sena mill-mewt ta' Mattia Preti*, f'*Il-Belt Victoria*, Settembru/Ottubru-Novembru/Diċembru 1998, p. 3.
10 VELLA, *Teżori ta' Arti bil-ġrajja tagħhom fil-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex*, f'*Programm Festi San Ġorġ – Għawdex 1994*, p. 59.
11 CARMELO SAID, *Jiktbilna r-restawratur tat-Titular is-Sur Carmelo Said*, f'*Il-Bażilika Proto Proto-Parrokkjali San Ġorġ Martri. Ħidma–Storja–Tagħrif*, Nru 4, Malta 1978, p. 14.
12 GEORGE SCICLUNA, *Il-kwadru titulari fil-Knisja-Bażilika ta' S. Ġorġ Martri*, f'*Il-Bażilika Proto Proto-Parrokkjali San Ġorġ Martri. Ħidma–Storja–Tagħrif*, Nru 1, Malta 1975, p. 41.
13 *Il-Festi Tri-Ċentinarji 1978*, f'*Il-Bażilika Proto Proto-Parrokkjali San Ġorġ Martri. Ħidma–Storja–Tagħrif*, Nru 5, Malta 1979, p. 5.
14 VELLA, *Teżori ta' Arti bil-ġrajja tagħhom fil-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex*, f'*Programm Festi San Ġorġ – Għawdex 1994*, p. 59.
15 SAGONA, *The Art Treasures – A Critical Overview*, f'CHARLES CINI (Ed.), *St George. Gozo's Golden Basilica*, p. 42.
16 MONTANARO, *Aktar tagħrif dwar il-kwadri ta' Matti Preti fil-Bażilika ta' San Ġorġ*, f'*Programm Festi San Ġorġ – Għawdex 1991*, p. 69.
17 Ibid.
18 Ibid.
19 VELLA, *Teżori ta' Arti bil-ġrajja tagħhom fil-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex*, f'*Programm Festi San Ġorġ – Għawdex 1997*, p. 81.
20 SAGONA, *The Art Treasures – A Critical Overview*, f'CHARLES CINI (Ed.), *St George. Gozo's Golden Basilica*, p. 58.
21 *Editorjal*, f'*Il-Belt Victoria*, Nru 58, Jannar-Frar 1991, p. 2.
22 *Esebizzjoni u bejgħ ta' pittura oriġinali b'risq ir-restawr tal-kwadru ta' l-Erwieħ*, f'*Il-Belt Victoria*, Nru 59, Marzu-April 1991, p. 3.
23 *Wara l-wirja ta' Giorgio Rocca b'risq ir-restawr*, f'*Il-Belt Victoria*, Nru 60, Mejju-Ġunju 1991, p. 5.
24 VELLA, *Teżori ta' Arti bil-ġrajja tagħhom fil-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex*, f'*Programm Festi San Ġorġ – Għawdex 1994*, p. 59.
25 *Inawgurat il-kwadru ta' l-Erwieħ wara li ġie restawrat*, f'*Il-Belt Victoria*, Nru 63, Novembru-Diċembru 1991, p 4.
26 VELLA, *Teżori ta' Arti bil-ġrajja tagħhom fil-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex*, f'*Programm Festi San Ġorġ – Għawdex 1994*, p. 59.